

EMA/518630/2018  
EMEA/H/C/004429

## Hulio (*adalimumab*)

Ħarsa ġenerali lejn Hulio u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Hulio u għal xiex jintuża?

Hulio huwa mediċina li taġixxi fuq is-sistema immunitarja u tintuża biex tikkura l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- psorjażi bil-qoxra (marda li tikkawża rqajja' ħomor, bil-qoxra fuq il-ġilda);
- artrite psorjatika (marda li tikkawża rqajja' ħomor, bil-qoxra fuq il-ġilda u infjammazzjoni tal-ġoggi);
- artrite rewmatoid (marda li tikkawża infjammazzjoni tal-ġoggi);
- spondiloartrite assjali (infjammazzjoni tas-sinsla tad-dahar li tikkawża uġiġħ fid-dahar), inkluża spondilite ankilożanti u meta r-raġġi X ma jurux mard iżda jkun hemm sinjalji ċari ta' infjammazzjoni;
- artrite idjopatika ġuvenili poliartikulari u artrite assoċjata ma' entesite attiva (it-tnejn li huma mard rari li jikkawżaw infjammazzjoni tal-ġoggi);
- marda ta' Crohn (marda li tikkawża infjammazzjoni tal-imsaren);
- kolite ulċerattiva (marda li tikkawża infjammazzjoni u ulċeri fir-rita tal-imsaren);
- idradenite suppurativa (akne inversa), marda tal-ġilda fit-tul li tikkawża boċċi, axxessi (ġbir ta' materja) u ċikatriċi fuq il-ġilda;
- uveite mhux infettiva (infjammazzjoni tas-saff ta' taħt l-abjad tal-boċċa tal-għajnejn).

Hulio jintuża l-aktar fl-adulti meta l-kundizzjoni tagħhom tkun severa, moderatament severa jew tkun qed tmur għall-agħar, jew meta l-pazjenti ma jkunux jistgħu jużaw kuri oħrajn. Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Hulio fil-kundizzjonijiet kollha, inkluż meta jista' jintuża fit-tfal, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Hulio fih is-sustanza attiva adalimumab u huwa "mediċina bijosimili". Dan ifisser li Hulio huwa simili ħafna għal mediċina bijoloġika oħra (il-'mediċina ta' referenza') li diġà hija awtorizzata fl-UE. Il-mediċina ta' referenza għal Hulio hija Humira. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini bijosimili, ara [hawn](#).



## **Kif jintuża Hulio?**

Hulio jiġi bħala soluzzjoni għall-injezzjoni taħt il-ġilda f'kunjett jew f'siringa jew f'pinna mimlija minn qabel u normalment jingħata kull ġimaginej. Id-doża u l-frekwenza tal-injezzjoni jiddependu mill-kundizzjoni li għandha tiġi kkurata u d-doża għal wild normalment tiġi kkalkulata skont il-piż tal-wild. Wara li jkunu ngħataw taħriġ, il-pazjenti jew il-persuni li jieħdu ħsiebhom jistgħu jinjettaw Hulio jekk it-tabib tagħhom jidhirlu li dan huwa xieraq.

Hulio jista' jinkiseb biss b'rċetta tat-tabib u l-kura għandha tinbeda u tiġi ssorveljata minn tabib li jkollu esperjenza fil-kura tal-mard li għalihom jintuża Hulio. L-ispeċjalisti tal-għajnejn li jikkuraw uveite għandhom ukoll jieħdu parir mingħand tobba li jkollhom esperjenza fl-użu ta' adalimumab.

Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Hulio, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## **Kif jaħdem Hulio?**

Is-sustanza attiva f'Hulio, l-adalimumab, hija antikorp monoklonali (tip ta' proteina) li tfassal biex jagħraf u jeħel ma' sustanza fil-ġisem imsejħa fattur ta' nekrożi tumorali (TNF). TNF huwa involut fl-ikkawżar tal-infjammazzjoni u jinsab f'livelli għoljin f'pazjenti bil-mard li Hulio jintuża biex jikkura. Meta teħel mat-TNF, l-adalimumab timblokkka l-aktivitā tiegħu, b'hekk tnaqqas l-infjammazzjoni u sintomi oħrajn tal-mard.

## **X'inhuma l-benefiċċji ta' Hulio li ħarġu mill-istudji?**

Studji fil-laboratorji li qabblu Hulio mal-mediċina ta' referenza Humira wrew li s-sustanza attiva f'Hulio hija simili ħafna għal dik f'Humira f'termin ta' struttura, purità u attivitā bijoloġika. L-istudji wrew ukoll li l-ġhoti ta' Hulio jiproduċi livelli simili tas-sustanza attiva fil-ġisem bħall-għot ta' Humira.

Barra minn hekk, Hulio kien effettiv daqs Humira fi studju li involva 730 pazjent b'artrite rewmatojde li ma kinitx ikkontrollata b'mod adegwat bil-mediċina methotrexate. Wara 24 ġimgħa, ġie osservat titjib ta' 20 % fis-sintomi ta' 74 % tal-pazjenti kkurati b'Hulio (270 minn 363) u 76 % tal-pazjenti kkurati b'Humira (271 minn 358).

Peress li Hulio huwa mediċina bijosimili, l-istudji dwar l-effettivitā u s-sigurtà tal-adalimumab li saru b'Humira m'għandhomx bżonn jiġu ripetuti kollha għal Hulio.

## **X'inhuma r-riskji assoċċjati ma' Hulio?**

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'adalm (li deħru f'aktar minn pazjent 1 minn kull 10) huma infezzjonijiet (inkluż dawk fl-imnieħer, fil-griżmejn u fis-sinus), reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni (ħmura, ħakk, fsada, uġiġi jew nefħa), uġiġi ta' ras, uġiġi fil-muskoli u fl-ġħadam.

Bħal mediċini oħrajn tal-klassi tiegħu, Hulio jista' jaffettwa l-abbiltà tas-sistema immunitarja li tiġġieled l-infezzjonijiet u l-kanċer, u kien hemm xi każijiet ta' infezzjonijiet serji u kanċers tad-demm f'pazjenti li kienu qed jużaw l-adalimumab.

Effetti sekondarji serji rari oħra (li jistgħu jaffettaw sa persuna 1 minn kull 1,000) jinkludu nuqqas tal-mudullun milli jiproduċi ċelloli tad-demm, disturb tan-nervituri, lupus u kundizzjonijiet simili għal-lupus (meta s-sistema immunitarja tattakka t-tessuti tal-pazjent stess, b'hekk tikkawża infjammazzjoni u ħsara fl-organi), u s-sindromu ta' Stevens-Johnson (reazzjoni li tista' twassal għall-mewt, b'sintomi li jixbx luu lil dawk tal-influwenza u raxx b'uġiġi li jaffettwa l-ġilda, il-ħalq, l-għajnejn u l-ġenitali).

Hulio ma għandux jintuża f'pazjenti b'tuberkolożi attiva jew b'infezzjonijiet gravi oħra, jew f'pazjenti b'insuffiċjenza kardijaka moderata sa gravi (il-qalb ma tkunx kapaċi tippompja biżżejjed demm madwar il-ġisem).

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet b'Hulio, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## **Għaliex Hulio ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċiediet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE għal mediċini bijosimili, Hulio wera li għandu struttura, purità u attivitā bijoloġika simili ħafna għal Humira u jiġi distribwit bl-istess mod fil-ġisem.

Barra minn hekk, studju fuq pazjenti bl-artrite rewmatojde wera li l-effetti tal-mediċina huma ekwivalenti għal dawk ta' Humira f'din il-kundizzjoni. Din id-data kollha ġiet meqjusa biżżejjed sabiex jiġi konkluż li Hulio jaġixxi bl-istess mod bħal Humira f'termini tal-effettivit u tas-sigurtà fl-użu approvat tiegħu. Għaldaqstant, il-fehma tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Humira, il-benefiċċju ta' Hulio huwa akbar mir-riskju identifikat u li jista' jiġi awtorizzat.

## **X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Hulio?**

Il-kumpanija li tqiegħed Hulio fis-suq għandha tipprovi pakketti edukattivi lit-tobba li jippreskru l-mediċina. Dawn il-pakketti ser jinkludu informazzjoni dwar is-sigurtà tal-mediċina. Se tingħata wkoll karta ta' twissija lill-pazjenti.

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Hulio.

Bħal għall-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Hulio hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrappurtati b'Hulio huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tipproteġi lill-pazjenti.

## **Informazzjoni oħra dwar Hulio**

Aktar informazzjoni dwar Hulio tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports).